# L-Arti f'Malta u xogħolijiet oħra - it-tieni parti

Lorenzo Zahra

1684: Mikiel Micallef ħadem l-armadjijiet jew kaxxarezzi tas-sagristija ta' San Pawl tal-Belt Valletta.

1714 (Ms 453, Lib[rerija] Nazz[jonali]): Mastri Pawlu u Anton ħadmu skultura fl-arzella u l-koppla kif ukoll iż-żewġ statwi tal-ġebel ta' San Pietru u San Pawl għall-parroċċa ta' Ħal Balzan.
1726: Mikiel Camilleri jaħdem il-kappella ardenti għall-Knisja ta' San Ġwann, Valletta, fuq disinn tal-Carapecchia.
1729 (Ms 20, Lib. Nazz.): Fit-8 ta' Diċembru wasal Malta il-monument tal-Granmastru De Vilhena max-xwieni San Giovanni u San Giorgio. Dan tqiegħed f'postu f'Jannar tas-sena ta' wara.
1735 (Ms 20, Lib. Nazz.): Il-Balì Spinola jixtri dar fejn kien joqgħod Francesco Zahra fil-Furjana b'5300 skud biex hemm tkun tista' tinbena d-Dar Manresa ta' l-irtiri.
1745: Gaetano Vella kien li ħadem l-arloġġ ta' Pinto fil-Palazz tal-Granmastru (illum tal-President ta' Malta).
1758 (Ms 20, Lib. Nazz.): Fil-25 ta' Ġunju nstabet il-barriera tal-ġebla rħamija fiż-Żebbuġ, Għawdex.
1770: Il-marmista Senglean Girgor Durante ħadem il-prospettiva portal tad-daħla ta' l-oratorju tal-Caravaggio fil-Knisja ta' San Ġwann.

1832 (*Malta Government Gazette*, 10.x.1831): Imut Anton Mifsud mill-Belt, l-artist ftit magħruf minn Tal-Pietà li kien ħadem il-busti tal-Gvernatur Hastings u ta' Sir Walter Scott.
1838 (*The Harlequin*, nru. 25, 23.ix.1838): Iħabbar il-qerda ta' żewġ piramidi: waħda li kienet tfakkar il-ftuħ tat-triq tar-Rabat minn Ħ'Attard li kienet saret mill-Granmastru Vilhena; u l-oħra ta' l-għajn tal-ħasselin li kellha fuqha l-arma ta' Malta li kienet saret fi żmien Ball u kellha l-annu '1803' (MDCCCIII).
1840 (*Il Filologo*, p.150): Marmista fi Strada Levante għamel wiċċ ta' mejda dekorat li ngħata rigal lir-Reġina Adelaide li żaret Malta f'dak iż-żmien.
1842 (*Mediterraneo*, 16.iii.1842): Jissemma' x-xogħol artistiku ta' statwi tax-xama' mill-Kan. Dun Lawrenz Politi li kien joqgħod 63, Strada S. Antonio, il-Birgu, triq li kienet magħrufa bħala t-triq tal-Lhud.
1849 (*Serpinello*, 27.i.1849): Issir il-qanpiena l-kbira għall-Knisja ta' San Pubblio, il-Furjana, li ġiet imsemmija 'Pubblio Maria'.
1849 (*Malta Times*, 24.ix.1898): Fil-Kolleġġjata ta' Birkirkara sar tużell ġdid fuq disinn ta' Ġanni Galdes imma ħadem ix-xogħol Ġakbu Debono u l-iskultura saret minn Toni Sapiano.
1851 (*Ordine*, 5.vii.1851): Sar ostensorju fil-kappella tas-Seminarju għar-relikwja tal-korp ta' San Kalċedonju li tinsab taħt l-artal ta' San Injazju, xogħol ta' l-arġentier Vidal.
1851 (*Malta Times*, 30.ix.1851): Għall-festa tad-Duluri li saret f'Tal-Pietà, ix-xogħol tan-nar sar mill-'Iżgiċċ il-Karkariż' u Ġakki 'tal-Pastizzi'.
1851 (*Ordine*, 24.ii.1851): Fil-Matriċi tar-Rabat Għawdex, fil-Katidral isir l-irħam tal-presbiterju.
1852 (*Ordine*, 1.v.1852): Tħabbret il-mewt tal-pittur Caruana li fost xogħolijiet oħra, ħadem it-titular mistiku tal-Kunċizzjoni ta' Bormla.
1853 (*Ordine*, 11.ii.1853): Inġiebu mid-ditta Belli ta' l-Italja l-ventartal tal-fidda ta' l-artal ta' San Krispin kif ukoll żewġ lampieri tal-fidda għall-artali ta' San Krispin u ta' San Omobono fil-Kolleġġjata Pawlina l-Belt. Inġieb id-damask għall-Kappella tas-Sagrament.
1853 (*Ordine*, 21.x.1853): Billi fil-Barriera l-Belt ġew maħtuta l-imħażen u l-knisja tas-Salvatur, il-mezzobust tal-bronż ta' Algardi li kien għotja tal-Prijur ta' l-Ingilterra, il-Kavallier Tambeccora, tpoġġa mal-faċċata tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann (issa jinsab fil-Mużew ta' San Ġwann, il-Belt).
1854 (*Ordine*, 5.v.1854): Fratelli Darmanin, marmisti Maltin lestew lapida interzjata b'disinni li ttieħdet Londra f'wirja.

1854 (*Ordine*, 10.ii.1854): Kwadru ta' Hyzler għall-Fratellanza tal-Karità fil-Knisja ta' San Pawl il-Belt, u jidhru fih San Alfons u San Filippu (żmien wara ġie mibdul ma' kwadru ieħor tal-pittur Taljan E. Palombi).
1854 (*Ordine*, 17.ii.1854): Tissemma' pittura ta' Falzon fil-Knisja ta' San Pawl il-Belt.
1854 (*Ordine*, 28.iv.1854): Fil-Parroċċa tal-Furjana jsir il-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu, opra tal-pittur Hyzler.
1854 (*Ordine*, 24.ii.1854): Tlesta l-presbiterju ta' l-irħam fil-Matriċi t'Għawdex.
1854 (*Ordine*, 16.vi.1854): Isir il-bini tal-Knisja ta' San Pawl tal-Wied f'Birkirkara mill-Perit Bonavia.
1855 (*Ordine*, 30.v.1855): Kien qed isir restawr tal-paviment fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann.
1855 (*Ordine*, 18.v.1855): Saru erba' appostli tal-fidda għall-parroċċa ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ tad-ditta Belli. Dun Anġ Calleja ġabar għal dawn.
1855 (*The Malta Mail and United Services Gazette*, 17.vii.1855): Żewġ laneċ ta' 93 tunnellata mibnija bħala gunboats bl-isem Azow u Kertch ġew varati mid-ditta ta' Lorenzo German.
1855 (*The Malta Mail and United Services Gazette*, 24.vii.1855): Il-kostruttur Lorenzo German ivara l-lanċa ta' mitt pied bl-isem ta' Zanliote.
1855 (*Portafoglio*, 25.viii.1855): Fil-Kolleġġjata ta' Santa Liena sar l-iskannell ta' l-artal maġġur ta' l-irħam, xogħol ta' Salvu Psaila (dan ifisser li Psaila kien jaħdem ukoll fl-arti bl-irħam).
1855 (Ordine, 15.iv.1855): Għall-parroċċa San Pubbliju, il-Furjana, sar il-ventartal tal-maġġur, disinn ta' A. Falzon, xogħol li sar f'Napli.
1859 (*Ordine*, 16.ix.1859): Għall-Kolleġġjata ta' l-Isla sar lampier tal-fidda għall-kappella tas-Sagrament. Ħadmu Feliċ Rosso tal-Birgu.
1860 (*Ordine*, 20.vi.1862): Saru żewġ kwadri tal-pittur Falzon għall-Knisja ta' Casal Caccia (Xewkija), Għawdex.
1861 (*Ordine*, 28.vi.1861): Il-marmista Bormliż Ġużè Borg ħadem lapida funerarja sabiħa tal-familja Caruana Dingli li tqiegħdet fil-Knisja San Pawl, il-Belt.
1861 (*Ordine*, 26.iv.1861): Għall-parroċċa tal-Gudja ġew ordnati tliet qniepen tad-ditta Ingliża Warner.
1862 (*Ordine*, 12.xii.1862): Jissemma' l-orgni tal-Kavallier Manfrè bi tnax-il pedala fil-knisja taż-Żurrieq.
1862 (*Ordine*, 12.ix.1862): Imħabbra l-mewt ta' George Grognet, l-arkitett tar-Rotunda tal-Mosta.
1862 (*Ordine*, 8.iv.1862): Sar l-umbrellun tal-bażilika tal-Portu Salvu maħdum minn Vincenzo Zimelli.
1863 (*Ordine*, 27.iii.1863): Isir il-monument tal-Gvernatur Maitland fil-barrakka l-ġdida, 'l hekk magħrufa, il-Barrakka ta' Fuq, il-Belt.
1865 (*Ordine*, 1.xii.1865): Fil-parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi, sar kurċifiss proċessjonali tal-fidda mid-ditta Busuttil li ħadmet ukoll ventartal għall-Kolleġġjata ta' l-Isla.
1866 (*Amico del Popolo*, 21.ix.1880): Sar ventartal tal-fidda għall-artal tal-Madonna tal-Karità, xogħol tad-ditta Biscardi ta' Katanja bl-aġenti Fratelli Muscat tal-Belt.
1867 (*Il Cattolico*, 31.viii.1867): Ġużè Bonnici jippreżenta kwadru ta' Santa Katerina f'wirja fil-Bibljoteka, il-Belt.


*Il-monument ta' George Grognet fir-Rotunda tal-Mosta*

1867 (*Il Cattolico*, 10.viii.1867): Ventartal tar-rakkmu fuq il-bellus għall-artal ta' San Ġużepp, disinn tal-Kan. Dun Lawrenz Politi u maħdum minn oħtu, is-Sinjorina Filomena, it-tnejn mill-Birgu.
1867 (*Ordine*, 30.viii.1867): Fil-Mall, il-Furjana, sar monument ta' l-irħam lil Luigi Pisani, fuq disinn ta' Nikola Zammit u xogħol ta' G. Darmanin.

1868 (13.ii.1868): Għall-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt Valletta sar apparat tal-canavazzo d'oro (terħa għall-artal tas-Sagrament fil-kappella, maħdum mis-Sinjorina Latterina Testaferrata Viani fuq disinn tal-magħruf artist Galdes).
1869 (*Il Portafoglio*, 16.vii.1869): Sar ħafna xogħol ta' skultura fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata taħt id-direzzjoni ta' Giuseppe Maggior, Sqalli.
1869 (*Il Portafoglio*, 17.ix.1869): Dun Lorenzo D'Amato jżanżan pjaneta mill-isbaħ li ġab minn Lyon tad-ditta Morelli, impurtata mid-ditta G. A. Moore.
1869 (*Il Portafoglio*, 9.xi.1869): Carlo Darmanin jaħdem l-istatwa ta' San Ġużepp għall-parroċċa tal-Furjana.
1869 (*Ordine*, 4.ii.1869): Fil-Katidral ta' l-Imdina sar tużell ġdid, disinn ta' Nicola Zammit. Ħadmuh C. Decelis u Carlo Sciberras. L-induratura saret minn Gauci.
1871 (*Il Portafoglio*, 13.vi.1871): Fil-Belt Valletta għall-festa ta' Missierna San Pawl sar l-ark ta' l-injam li kien jintramà fi Strada San Paolo f'tarf it-telgħa tal-karri.
1872 (*Ordine*, 18.vii.1872): Signor Gallucci ħadem par anġli tal-kartapesta għall-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, il-Belt.
1874 (*Il Portafoglio*, 10.xi.1874): Il-kostruttur tal-bastimenti kien l-ewwel wieħed li beda x-xogħol ġewwa l-Portu Novu, il-Marsa, wara li tneħħew minn wara l-Isla.
1875 (*Croce di Malta*, 15.vi.1875): saru żewġ statwi għal knisja f'Tas-Sliema, dik ta' San Ġużepp u dik tad-Duluri.
1876 (*Croce di Malta*, 24.v.1876): Donazzjoni ta' kwadru ta' Sant' Antnin u statwa tal-Madonna ta' Lourdes, għall-knisja tal-Ħamrun mill-familja Galea.
1876 (*Croce di Malta*, 20.ii.1876): Kwadru ġdid tal-pittur Taljan Bruschi fil-Knisja ta' Santu Wistin il-Belt.
1878 (*L'Avvenire*, 1.v.1878): Saret il-pittura ta' l'Erba' Evanġelisti bil-ħidma tal-prokuratur G. Mifsud. Jissemmew ukoll standarti sbieħ u t-tużell.
1878 (*Il-Ħabbar*, 23.viii.1878): Fil-Kolleġġjata ta' Birkirkara tiżżanżan l-antifona ta' Santa Liena tas-Surmast R. Bugeja.
1878 (*Il-Ħabbar*, 26.vii.1878): Fil-parroċċa ta' Santa Katerina sar standart tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu xogħol minn Lyon fi Franza.
1879 (*Risorgimento*, 27.ix.1879): Ġie esebit gandlier bħala mudell biex isiru bħalu tal-fidda għall-Kolleġġjata ta' San Pawl, il-Belt. Ħadmu Pawlu Bugeja.
1879 (*Il-Ħabbar*, 21.viii.1879): Imfaħħar ħafna l-inċiżur Giovanni Debono.
1880 (*Corriere Mercantile Maltese*, 29.iii.1880): Għall-Knisja tal-Patrijiet Agostinjani ta' Santu Wistin, il-Belt, inġieb apparat ġdid.
1880 (*Amico del Popolo*, 18.v.1880): Għall-Kolleġġjata ta' l-Isla nġieb ventartal li qam 400 lira. Sar fuq disinn ta' V. Bonnici.
1880 (*Corriere Mercantile Maltese*, 29.iii.1880): Fil-Knisja tal-Portu Salvu fl-Isla, magħrufa aktar bħala ta' San Filippu, saret il-Via Sagra.
1880 (*Amico del Popolo*, 21.ix.1880): Għall-Kolleġġjata ta' San Pawl, il-Belt, il-Fratellanza tal-Karità ġabet ventartal tal-fidda tad-ditta Fratelli Muscat, xogħol ta' Biscari ta' Katanja.
1880 (*Malta Times and United Services Gazette*, 6.iii.1880): Dwar tiswija ta' l-arazzi tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann.
1880 (*Il-Ħabbar*, 30.iv.1880): Fil-parroċċa ta' San Ġorġ sar standart tal-Fratellanza ta' San Ġużepp, disinn ta' Nikol Zammit. Saru wkoll terħa u ventartal għall-artal tas-Sagrament.
1881 (*Il Portafoglio*, 11.i.1881): Sar sett gandlieri ta' Torpiano għall-artal ta' San Vinċenz fil-Knisja tal-Porto Salvo.
1881 (*Corriere Mercantile Maltese*, 12.viii.1881): Fil-Birgu, fi Triq San Lawrenz, saret kolonna msejħa 'Iċ-Ċorma' fuq disinn ta' Fonzu Pace.
1881 (Il-Ħabbar): Fir-Rabat għall-festi soliti ta' San Ġużepp, il-Banda L'Isle Adam żanżnet il-palk tal-banda.
1881 (*Corriere Mercantile Maltese*, 18.viii.1881): Mal-monument tal-ġebel ta' San Lawrenz fil-pjazza, il-Birgu, sar il-ħadid, xogħol artistiku iżda ġie kkritikat għax fih labardi ta' periklu.
1881 (*Il-Ħabbar*, 18.xi.1881): Il-Prof. Nicola Zammit ilesti l-pjanta għall-knisja l-ġdida fl-Imsida.

1883: Fil-Knisja San Franġisk tal-Konventwali, il-Belt, sar l-artal maġġur ta' l-irħam minn Francesco Micallef, marmista.
1886: Fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann sar bieb tal-ħadid, xogħol artistiku li jifred il-kappella ta' San Pawl minn dik ta' San Mikiel, xogħol ta' Ġorġ Abela.
1886 (*Sunday Times*, 18.xi.1957): Inbniet il-lighthouse ta' Delimara.
1888 (*Il-Malta*, 17.iv,1888): Franġisku Bonnici minn Ħaż-Żebbuġ jaħdem kaxxaforti speċjali li qalet bosta tifħir.
1890 (*Public Opinion, Risorgimento*, 30.ix.1890): Għall-festa ta' San Duminku l-Birgu, ġie mżanżan ventartal tal-fidda li sar f'Pariġi fuq disinn ta' Decelis tal-Birgu. L-istess Decelis iddisinja ż-żewġ Missalli tal-fidda u t-terħa rrakkmata li nġiebet minn Lyon. Is-Sinjorina Vassallo offriet terħa tal-bizzilla speċjali tal-balla.
1891 (*Melita*, 6.vi.1891): Fil-Knisja tal-Lunzjata, il-Birgu, sar orgni ġdid tad-ditta Gius. Bergoni.
1891 (Il Habbar Cattolicu, 10.vii.1891): Qed isir x-xogħol għall-monument tar-Reġina Vittorja fi Pjazza Teżorerija, il-Belt.
1891 (*Il Habbar Cattolicu*, 21.xi.1891): Natal Zammit qed jibni l-baċir imsejjaħ Zammit Dock.
1891 (*Il Habbar Cattolicu*, 20.ii.1891): Opra tal-baħar, skuna, Catarinetta tal-Kaptan Lorenzu Said tkissret bil-maltemp fil-Port ta' Marsamxett. Kienet imbniet f'Messina xi tliet xhur biss qabel.
1892 (*Malta Tagħna*, 5.viii.1892): Ċensu Cremona ħadem l-istatwi ta' San Pietru u San Ġwann għat-tiżjin fit-toroq għall-festa ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq.
1892 (*Malta Standard*, 9.ix.1892): Saru fl-Isla sett gandlieri għall-artal tar-Rużarju tad-ditta Oliva Bros. u nġiebu sitt linef mill-Boemja. Saru wkoll kolonni bi statwi tal-profeti. Il-ġurnal jagħti lista ta' nies li ħadmu bħala volontiera.
1892 (*Malta Tagħna*, 21.v.1892): Għall-Knisja tal-Portu Salvu nġiebu sett gandlieri tad-ditta Ghezzi ta' l-Italja għall-artal ta' San Vinċenz Ferreri.
1892 (*Ordine*, 10-17.ix.1892): Saret bradella artistika għall-istatwa tal-Madonna tal-Vittorja l-Isla; xogħol ta' Ġużè Xerri, Ġużè Briffa, Matti Brincat u Ġulju Borg, disinn ta' Karmenu Teuma tal-Belt. Ix-xogħol tal-metall sar minn Carlo Pace u Salvu Presta. Saru wkoll tvalja rrakkmata għall-artal tar-Rużarju, standart tal-Madonna tal-Katina ddisinjat minn Ġ. Galea u standart ieħor għall-Pia Unione ddisinjat minn Ċensu Caruana, xogħol tad-ditta Tanfani ta' Ruma.
1892 (*Malta Tagħna*, 3.ix.1892): Saru tliet standarti sbieħ għall-banda Konti Ruġġieru tar-Rabat - wieħed ta' Malta, ieħor tal-Papa u ieħor tal-Konti Ruġġieru.
1892 (*Malta Tagħna*, 10.ix.1892): Fil-Kolleġġjata ta' l-Isla sar Kanipew irrakkmat, xogħol tas-sorijiet ta' Sant Ursula, il-Belt, fuq disinn ta' Ġ. Galea.
1893 (*Il Habbar Cattolicu*, 20.ii.1893): Fil-Belt, Vincenzo Cardona minn Katanja jgħallem is-sengħa ta' l-intall fl-injam, imsejħa interzjar, fil-ħanut tiegħu, 76/8, Strada Levante.
1893 (*Malta Tagħna*, 12.viii.1893): Issir vara titulari ta' San Ġiljan minn Karlozz Darmanin.
1893 (*Il Portafoglio*, 3.ix.1893): Saru fl-Isla żewġ ventartali tal-fidda, disinn ta' Ġużè Galea, importanti minn Evaristo Castaldi fuq disinji ta' Mikiel Degiovanni ta' l-Isla.
1893 (*Il Verità*, 17.vi.1893): Fil-Birgu sar kumitat biex issir mill-ġdid il-lapida fuq bieb il-Birgu li tfakkar ir-rebħa ta' l-Assedju l-Kbir.
1893 (*Il Verità*, 19.viii.1893): Vincenzo Cremona jaħdem erba' statwi għat-tiżjin ta' barra f'Ħal Għaxaq.
1894 (*Malta Tagħna*, 7.viii.1894): Kwadru tal-Beatu Diego (Cremolini ta' Ruma) għall-knisja tal-Kapuċċini.
1894 (*Malta Tagħna*: 26.vii.1894): Fil-parroċċa ta' Ħal Balzan saret pittura ta' Ġużè Calì.
1894 (*Malta Tagħna*, 2.vi.1894): Għall-festa ta' San Filep, Ħaż-Żebbuġ, sar kurcifiss tal-fidda proċessjonali tal-Fratellanza tad-Duttrina, xogħol tas-Sur Cannataci, imma s-salib ta' l-injam tal-abbanu sar minn Pinu Vella.
1894 (*Risorgimento*, 30.iv.1894): Carmelo Bonnici ta' Strada Irlandese, il-Birgu, ħadem kaxxaforti li ġiet imfaħħra u ġiet imsejħa 'ġenjuża'.
1894 (*Giornale di Malta*, 31.vii.1897): Carmelo Madiona ħadem mudell ta' bastiment tal-fidda

ta' HMS Cambrian.
1894 (*Il Habbar Cattolicu*, 22.v.1894): Carmelo Theuma li kien joqgħod ħdejn il-Palazz ta' l-Isqof il-Belt ħadem il-pedestall għall-Madonna tad-Duttrina tan-Naxxar. Ġie ndurat minn Anton Fenech tal-Belt.
1894 (*Public Opinion*, 11.xii.1894): Għall-Knisja ta' San Franġisk ta' Putirjal il-Belt inġieb kunipew ta' Lyons.
1894 (*Il Habbar Cattolicu*, 31.v.1894): Għall-vara titulari ta' San Ġużepp fl-Imsida, saret diadema sabiħa. Sar ukoll stellarju għall-Kunċizzjoni fl-istess parroċċa. Ħadem Ninu Padovani Ginuis ta' 56, Strada Stretta, il-Belt.
1894 (*Public Opinion*, 11.xii.1894): Sett gandlieri ġodda tad-ditta Tanfani għall-Fratellanza ta' l-Immakulata Kunċizzjoni fil-Knisja ta' San Franġisk ta' Putirjal.
1894 (*Malta* ): Fil-parroċċa ta' Ħ'Attard sar orgni ġdid tad-ditta Inzoli.
1894 (Malta, 18.viii.1894): Lill-Kolleġġjata ta' San Lawrenz, il-Birgu, il-familja Pellicano rregalatilha missall miksi bil-fidda.
1894 (*Malta*, 4.viii.1894): Fil-Basilika tal-Portu Salvu sar sett gandlieri tal-bronż ta' Torpiano.
1894 (*Malta Tagħna*, 5.v.1894): Fil-Kolleġġjata ta' Bormla sar sett ganlieri għall-artal tar-Rużarju, disinn ta' Abram Gatt.
1895 (*Malta Tagħna*, 10.viii.1895): Saret qanpiena ġdida fil-parroċċa ta' Bormla.
1895 (*Malta Tagħna*, 2.ii.1895): Jissemma li kien Ċensu Bonnici, 28 sena qabel (fl-1867), li ħadem l-istatwa li tirrappreżenta lil 'Malta' fl-Isla. Jgħid ukoll li l-ewwel festi nazzjonali kienu jsiru fil-Birgu.
1895 (*Vessillo Cattolico*, 12.viii.1895): Fil-parroċċa ta' Ħal Lija sar standart sabiħ tal-Fratellanza tas-Sagrament, xogħol tas-Sorijiet tal-Bon Pastur fuq disinn ta' Karlu Farrugia minn Birkirkara. Jissemmew ukoll għal xogħolijiet sbieħ is-Sorijiet ta' l-Istitut ta' Cini.
1895 (*Avvisatore*, 14.xi.1895): Saret statwa minn Vincenzo Cremona li turi lill-Isqof Buhagiar.
1896 (*Gazzetta del Popolo*): Għall-Kolleġġjata ta' l-Isla sar ventartal tal-fidda għall-artal tar-Rużarju, disinn ta' Ġ. Galea.
1896 (*Public Opinion*, 18.viii.1896): Inġiebu Malta sitt linef tal-kristall tal-Boemja tad-ditta Dub ta' Goblen għall-parroċċa ta' San Lawrenz tal-Birgu.
1896 (*Malta Tagħna*, 30.v./3.vi.1896): Għall-festi ta' Marija Bambina fl-Isla saret terħa għall-artal tas-Sacro Cuor disinn ta' Galea, xogħol li sar f'Ruma. Saret terħa oħra għall-artal tas-Santissima Trinità, disinn ta' Vinc. Bonnici.
1897 (*Malta*, 31.vii.1897): C. Madiona, impjegat mad-ditta Meli, ħadem mudell tal-fidda ta' H.M.S. Canberra.
1897 (*Il-Veru Mannarinu*): Għall-festi ta' Marija Bambina fl-Isla sar ark trijonfali li ħadmuh l-aħwa Mercieca flimkien ma' Toni Galea.
1897 (*Malta Tagħna*, 12.viii.1897): Fil-belt Vittoriosa għall-festi ta' San Lawrenz levita martri, fil-pjazza sar ark trijonfali ta' l-injam fuq disinn ta' Abram Gatt ta' Bormla.
1897 (*Il-Veru Mannarinu*): Għall-festi tal-Bambina fl-Isla, sar ark ta' l-injam u ħadid bħala parti mit-tiżjin. Ix-xogħol ta' l-injam sar minn C. Mifsud, V. Mifsud u Toni Galea waqt li x-xogħol tal-ħadid sar mill-aħwa Mercieca.
1898 (*Il Patriota*, 30.viii.1898): Paolo Pace tal-Belt ħadem porticino (bieba tat-tabernaklu) tal-fidda għall-Knisja tal-Mellieħa.
1898 (*Daily Malta Chronicle*, 10.v.1898): Fil-parroċċa ta' l-Imsida saret gallerija ta' l-orgni minn Giovanni Schembri, Misidjan, bi skultura ta' Toni Sapiano.
1899 (*Malta Tagħna*, 2.ix.1899): Saru par lanterni tal-fidda għall-Kolleġġjata ta' Birkirkara, xogħol ta' Cannataci.

**Addenda**

■ F'nofs is-seklu dsatax fi Strada Forni kien hemm numru ta' artiġġjani magħrufa. Dawn kienu: M. Waiss, artist Svizzeru tal-litografija; Critien artist fl-arġenterija; Siġismondu Dimech skultur; u Ġovanni Farrugia inċiżur. Fi Strada Levante kien hemm marmista li jaħdem lapidi sbieħ artistiċi u funerarji kif ukoll kien hemm il-Markiża Testaferrata, magħrufa għall-fjuri artifiċjali tal-ganutell.